TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 481/10

**Isabelle Whitmore Mizzi u Barry Whitmore**

**vs**

**Anthony u Lorraine Ciappara**

Illum 13 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, erba' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€1,455), kif ukoll l-ispejjeż rappreżentanti diversi nuqqasijiet fil-farmhouse li marra għal vaganza u li spiċċaw li kellhom jitilqu mill-post.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw *farmhouse* għal vaganza ġewwa Għawdex. Illi huma ħallsu elf, sitt mija u ħmistax-il ewro (€1,615), fejn kienu jħallsu ħamsa u tmenin ewro (€85) għal kull ġurnata, sabiex iqattgħu dsatax-il ġurnata ġo din il-*farmhouse*, iżda għamlu tlettax-il ġurnata u għalhekk qed jitolbu rifużjoni ta' elf, erba' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€1,455), għax telqu qabel iż-żmien minħabba li kien hemm diversi nuqqasijiet.

Illi fosthom ħafna mill-affarijiet kienu miksurin, il-BBQ kien miksur, il-*flushing* tal-kamra tal-banju ma kien qed jaħdem, il-*freezer* fil-kċina kien qed jagħmel is-silġ, it-televiżjon fil-kamra tas-sodda tal-guest ma kienx qed jaħdem u lanqas il-magna tal-ħasil, kif ukoll kien hemm xi affarijiet oħrajn. Illi l-*farmhouse* ma kinitx nadifa, fosthom li kien hemm ħafna nemel u wirdien. Illi ma kienx hemm privatezza u lanqas sigurta', tant li kellhom jitilqu wara ftit minħabba dawn il-problemi, minkejja li dan il-*farmhouse* kien mikri għal tliet ġimgħat.

Ir-rikorrenti esebixxu wkoll diversi ritratti.

L-intimati ssottomettew illi r-rikorrenti marru jaraw il-*farmhouse* minn qabel u raw li kien tajjeb u li meta r-rikorrenti daħlu fil-post u huma kienu jċemplulhom, kienu jgħidulhom li qed jieħdu ħafna gost. L-unika lment li kien hemm hu l-*freezer* li kien qed jagħmel is-silġ u l-*push button* tal-jacuzzi ma kienx qed jaħdem u li ġew irranġati immedjatament.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonsidra r-rapport ta' l-ispetturi minn Malta Tourism Authority, fejn it-Tribunal jinnota illi kien hemm xi nuqqasijiet pero' mhux dak l-estent li kienu qed jilmentaw ir-rikorrenti.

It-Tribunal, jinnota illi r-rapport sar gimgħatejn wara li r-rikorrenti kienu fil-*farmhouse*.

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti kellhom xi lmenti, pero' l-ilmenti ma kinux ta' natura li tiġġustifika li wieħed jitlaq mill-post u ma jkomplix bil-vaganza li kellu. Hija relevanti l-fatt illi r-rikorrenti marru fuq il-post u kienu aċċettawh hekk kif inhu, għax hekk xorta kien hemm xi nuqqasijiet, dawn m'għandhomx ikunu hemm għax wieħed ma jarahomx mill-bidu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, b'dan illi dak li ħallsu għamlu użu minnu għal ġimgħatejn u l-bilanċ li għandhom iħallsu għalhekk ma jħallsuhx. B'hekk il-kawża ġiet deċiża, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**